# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-29 ta' Jannar, 2025

Avviz tat-Talba numru: 398/2023 CL

**Valhmor Borg Import Export Ltd (C3062)**

**VERSUS**

**The Popular Marketing Ltd (53146) bhala d-debitur principali u Nicholas Diacono (KI nru: 574488M) bhala garanti flimkien u in solidum mad-debitur principali**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar il-31 ta' Ottubru 2023 fejn is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jigu ordnati jhallsu s-somma komplessiva ta' tlett elef tlett mija u erbgha u hamsin euro u tnejn u sebghin centezmu (€3,354.72) rapprezentanti bilanc ta' diversi konsenji ta' prodotti li kienu mibjugha u konsenjati lil-konvenuti flimkien mal-imghax legali dekorribbli mill-25 ta' Frar 2020 sal-pagament effettiv. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Awissu 2023 u tal-mandat tas-sekwestru li gie intavolat kotestwalmentu bil-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuti gew debitament notifikat bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher hu, jew xi rapprezentant legali tieghu ghas-seduta li kienet tmiss wara tali notifika u ghalhekk il-konvenut, kien fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif gie iddikjarat fil-verball fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2024. Fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2024, kien gie ipprezentant kapitolu fil-konfront tal-konvenut. Fis- seduta ta' wara, li kienet fit-13 ta' Novembru 2024, il-konvenut msejjah ghas-subizzjoni ma deherx u lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu b'hekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra;

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumenti ipprezentati.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti. It-Tribunal ra' d-dokumenti li gewipprezentant fosthom ittra legali u statement fejn l-ammont fil-fatt jirizulta illi huwa ta' €2701.91u mhux €3354.72. Ghalkemm il-konvenut naqas milli jirregistra dehera biex jwiegeb ghal tali kapitolu, fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut, it-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li hemm diskrepanza bejn l-ammont mitlub u l-istatement ipprezentat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici izda jirriduci l-ammont mitlub ghas-somma ta' €2701.91 u konsegwentement jikkundanna lil-konvenuti jhallsu s-somma ta' elfejn seba' mija u euro wiehed, u wiehed u disghin centezmu (€2701.91) bl-imghax legali mis-17 ta' Marzu 2020, sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mill-konvenuti in solidum. Stante li ma gietx ipprezentata l-ircevuta tal-ittra bonarja din it-talba ma tistax tintlaqa'.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**